MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2009

Numru 97/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Alexander Grech)**

**versus**

**Nicholas Bellotti**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Nicholas Bellotti ta’ 34 sena, bin Saviour u Lucia nee` Azzopardi, imwieled Bormla fid-9 ta’ Marzu 1972 u joqghod Indirizz mhux magħruf, detentur tal-karta tal-identita b’numru 130772M.

Akkuzat talli:

1. fit-30 ta’ Jannar 2007 għall-ħabta tas-6:00pm fi triq San Nikola, Bormla, bil-ħsieb li jgħamel delitt ura dan il-ħsieb b’atti esterni, iżda li mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li

jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, permezz ta' xi arma, strument, jew għodda oħra jikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, fuq il-persuna ta' Rosanne Aquilina, liema delitt ma ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mil-volonta tal-ħati, u dan b'arma, strument jew għodda irregolari, (vettura nru. PAT478) u dan bi ksur tal-Artikoli 41(1)(a), 64, 214, 216, 217 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Talli kkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u cioe' offiża ta' natura ħafifa fuq Rosanne Aquilina, skond ma ċċertifika Dr. M. Martinelli MD (Reg. 1690) miċ-ċentru tas-saħħa ta' Raħal Ġdid u dan bi ksur tal-Artikolu 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

3. Talli saqq, jew ipprova jsuq jew kellu l-kontroll ta' 'motor-car' li kienet fit-triq jew f'post pubbliku ieħor meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minħabba xorb jew drogi u dan bi ksur ta' l-Artikolu 15A (1) tal-Kapitlu 65;

4. Talli saq, ipprova jsuq jew kien fil-kontroll ta' 'motor-car' li kienet fit-triq jew f'post pubbliku ieħor wara li kien ikkonsuma tant alkoħol li l-proporzjon tiegħu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina kien iżjed mil-limitu preskritt u dan bi ksur ta' l-artiklu 15B tal-Kapitlu 65.

5. Talli saq vettura Nru PAT478 b'manjiera traskurata u perikoluża u dan bi ksur ta' l-artiklu 15 tal-kapitlu 65 tal-Liġijiet ta' Malta.

6. Talli, waqt li kien qed isuq vettura PAT478 naqas li jżomm fuq in-naħa tax-xellug tat-triq u dan bi ksur ta' l-Artiklu 75 ta' l-MVR

7. Talli saq vettura Nru. PAT478 b'ġiri iktar milli jmissu u dan bi ksur ta' l-Artiklu 127 tal-MVR.

8. Talli waqt li kien involut f'aċċident tat-traffiku, naqas li jieqaf fuq il-post u jagħti l-partikolarijiet tiegħu lill-persuna l-oħra u dan bi ksur ta' l-Artiklu 67 tal-MVR

9. Akkużat ukoll talli fl-istess jum, lok, ħin u ċirkustanzi, qal kliem fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indeċenti, jew għamel atti jew ġesti oxxeni, jew b'xi mod ieħor li mhux provdut fil-Kodiċi Kriminali, offendew il-morali, l-imġieba xierqa jew id-deċenza pubblika, u dan bi ksur tal-Artiklu 338(bb) u 342 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

10. Akkużat ukoll talli fl-istess jum, lok, ħin u ċirkustanzi hedded bi ħwejjeġ iebsin (arma) lil Rosanne Aquilina u lil persuni oħra u dan bi ksur ta' l-artiklu 339(b) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

11. Akkużat ukoll talli fl-istess jum, ħin, lok u ċirkustanzi ħebb għal Rosanne Aquilina sabiex jinġurjaha, idejjaqha jew jgħamlilha ħsara u dan bi ksur ta' l-artiklu 339(d) u (e) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

12. Akkużat ukoll talli fl-istess jum, lok, ħin u ċirkustanzi bil-ħsieb li jtellef jew inaqqas il-ġieħ ta' Rosanne Aquilina weġġagħha bi kliem b'ġest jew b'mod ieħor u dan bi ksur tal-artiklu 252(1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta

13. Akkużat ukoll talli fl-istess jum, lok, ħin u ċirkustanzi imbotta lill-imsemmi Rosanne Aquilina sabiex iweġġagħha jew jinsulentaha u dan bi ksur ta' l-artiklu 339(1)(l) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

14. u aktar talli b'hekk sar reċediv b'sentenzi li saru definittivi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u dan ai termini ta' l-artikoli 49, 50, u 289(1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-proċess inklużi l-kunsens tal-avukat ġenerali u tal-imputat sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji (fol 3 u 6), il-fedina penali tal-imputat (fol 7 et), iċ-ċertifikat tat-twelid tal-imputat li jġib in-numru 1307 tal-1972, (fol 16), l-istqarrija tal-imputat (fol 26 et), ic-certifikat a fol 28, il-current incident report (fol 33), il-kopja tal-reathalyser test (fol 38), il-kopja oriġinali tal-breathalyser test konfermata bl-affidavit (fol 66 et), il-kopja tas-sentenza "Il-Pulizija (Spettur Pierre Grech) vs Nicholas

Bellotti" (fol 81), u r-riċevuta li turi li l-imputat ħallas għad-danni kaġunati minnu fl-inċident stradali ppreżentat minn Dr. Jose Herrera (fol. 94).

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

Ikkunsidrat

Mill-provi jirriżulta li kien hemm inċident stradali fit-30 ta' Jannar 2007 fi Triq San Nikola, Bormla. L-allegata vittma Rosanne Aquilina kienet irrappurtat li l-imputat kien saq għal fuqha.

**L-istqarrija tal-imputat**

Fl-istqarrija tiegħu l-imputat stqarr li kien ġej "wrong side" u ħabtu. It-tfajla ħarġet mill-karozza u staqsietu: "Mela ma tarax?" Ftit wara ra ruxxmata niex ġejjin jiġru u l-imputat ħaseb li kienu ġejjin għall-ġlied. Huwa saq minn fuq il-post. Huwa ra lil missieru ma persuna oħra u reġa' saq lura għax ħaseb li ser jattakkaw lil missieru.

L-imputat innega li kien dagħa, għajjar jew offenda lil Rosanne Aquilina.

Innega ukoll li saq għal fuqha jew li insultaha. Huwa saq minn fuq il-post għax beża. Huwa ammetta ukoll li kien taħt l-influwenza tax-xorb.

**Xhieda oħra tal-Prosekuzzjoni.**

PS 446 Kenneth Vella Gregory xehed li kienu kellmu lil Rosanne Aquilina li kellha xokk kbir fuqha. Hi kienet qalet li l-imputat sawwatha, ħebb għaliha u saq għal fuqha. L-imputat kien ġej fuq il-lane ta' ġewwa u laqatha fuq in-

naħa ta' wara. Huwa kien **dagħa**, **għajjarha**, **heddidha** u pprova jgħamel għaliha. L-imputat beda jirriversja u li kieku ma resqitx kien itajjarha, Il-breathalyser immarka 72 (l-għassa) u 65 (id-depot), (fol 30) (ara wkol fol 38 u d-dokumenti originali) (fol 67 et). L-ewwel breathalyser sar fis-7:20 pm u it-tieni sar għall-ħabta tat-8:30 pm.

Rosanne Aquilina xehdet fis-7 ta' Frar 2007. Din qalet li l-imputat mar għal fuqha (fol 40), beda jidgħi, kellu riħa ta' xorb qawwija u qaltlu li ma setax jitlaq qabel jiġu l-Pulizija u beda jirrejżja l-karozza għal fuqha. Hu beda jsuq u beda jgħidilha "Żul min-nofs." Hi kienet lesta taħfirlu għall-ġrieħi li sofriet imma riedet il-ħlas tal-ispejjeż.

Xehdet ukoll Nancy Aquilina, omm l-allegata vittma li qalet li l-imputat beda joffendi lil bintha (fol 47). Huwa beda jkellimha ħazin u oxxen (fol 48). L-imputat beda jirreżja fuqha (fol 49). Kien ukoll ħadilha l-ġenb tal-karozza.

Il-Prosekuzzjoni pproduċiet ukoll lil Jonathan Farrugia li qal li sema' lill-imputat jidgħi u joffendi lil kulħadd (fol 55). Huwa kkonferma ukoll li l-imputat saq fuq Rosanne Aquilina (fol 56)

It-tabib Dr. Martinelli kkonferma li Rosanne Aquilina kellha feriti ħfief.

**Id-Difiża**

Xhed l-imputat (3 t'April 2008)(fol 86) u 29 t'April, 2009 (fol 97) fejn ikkonferma bil-ġurament l-istqarrija li kien għamel għand il-Pulizija (fol 86 et) Huwa ċaħad li kien miss lill-vittma u qal li kien ħallas tal-ħsara (fol 89) Xehed ukoll li kienu niżlu sitt irġiel fl-għassa ta' Bormla biex jgħamlu għalih.
Kunsiderazzjonijiet tal-Qorti.

L-ewwel imputazzjoni. Fil-fehma tal-Qorti jirriżulta b'mod ċar li l-imputat irreżja l-karozza għal fuq Rosanne Aquilina. Il-karozza hawn għandha titqies "arms jew arms rregular

improper" ai fini tal-artiklu 64(2) tal-Kap 9. L-inċident ma seħħx ma seħħx għaliex il-vittma ma baqgħetx fin-nofs.

Għalhekk il-Qorti qed issib lill-imputat ħati tal-ewwel imputazzjoni iżda ma japplikax l-artiklu 217 tal-Kap 9 għaliex l-imputat ma użax 'arma proper', lanqas xi strument li jaqta, xi esplossiv jew sustanza li taħraq.

**It-tieni imputazzjoni – Ġrieħi Ħfief**

Il-vittma kienet ċertifikata li sofriet ġrieħi ħfief. Dan ġara meta l-imputat imbuttaha. Iżda l-vittma ħafret lill-imputat ta' Dan u għalhekk, il-Qorti, wara li rat l-artiklu 221(1)(4) tal-Kap 9 qed tillibera lill-imputat mit-tieni imputazzjoni.

**It-tielet imputazzjoni – Sewqan taħt l-influwenza tal-Alkoħol (15A(1) Kap 65)**

Mill-provi prodotti jirriżulta li l-imputat kien taħt l-influwenza tax-xorb u ma kienx f'kundizzjoni li jsuq u għaldaqstant il-Qorti qed issibu ħati ta din l-imputazzjoni 15A(1) Kap 65

**Ir-raba imputazzjoni – Sewqan taħt l-influwenza tal-Alkoħol (15B tal-Kap 65)**

Din l-imputazzjoni kienet ppruvata wkoll mill-Prosekuzzjoni. Għalhekk il-Qorti issib lill-imputat ħati tar-raba' imputazzjoni.

**Il-ħames imputazzjoni – Sewqan b'mod traskurat**

Il-manuvra li pprova jgħamel l-imputat waqt li kien qed isuq kienet rizultat tat-traskuraġni kif saq il-vettura u għalhekk qed issibu ħati tal-ħames imputazzjoni.

**Is-sitt imputazzjoni – Naqas li jżomm fuq ix-xellug tat-triq.**

Il-mod kif Rosanne Aquilina ddeskriviet il-manuvra tal-imputat waqt is-sewqan turi kif l-imputat lanqas biss żamm max-xellug tat-triq. Għalhekk il-Qorti qed issibu ħati tas-sitt imputazzjoni.

**Is-seba' imputazzjoni – Sewqan tal-karozza b'ġiri iktar milli jmissu.**

Il-manuvra tas-sewqan tal-imputat ddeskrivietha Rosanne Aquilina a fol 40. Waqt li l-imputat jidher li saq kif mhux suppost ma jirriżultax li kien qed isuq il-karozza aktar milli jmissu. Għalhekk qed tilliberah mis-seba' imputazzjoni.

**It-tmien imputazzjoni – naqas li jagħti l-partikolarijiet.**

L-imputat qabad u saq meta Rosanne Aquilina qaltlu biex jistenna lill-Pulizija. Ma kienx biżżejjed jgħid li hu ta' Bellotti Għaldaqstant il-Qorti ssib lill-imputat ħati tat-tmien imputazzjoni.

**Id-disa' Imputazzjoni – Kliem oxxen**

Mill-provi prodotti (ara fol 41 b'mod partikolari) jirriżulta li l-imputat tkellem oxxen u għaldaqstant il-Qorti ssibu ħati tad-disa' imputazzjoni.

**L-għaxar imputazzjoni – theddid b'arma**

L-"arma" hawn kienet il-karozza. Il-qorti qed issib lill-imputat ħati tal-għaxar imputazzjoni iżda din hija assorbita fl-ewwel imputazzjoni ai termini tal-artiklu 17(h) tal-Kap. 9.

**Il-ħdax l-imputazzjoni – ħebb għal Rosanne Aquilina**

Il-Qorti temmen il-verzjoni ta’ l-allegata vittma Roseanne Aquilina li l-imputat imbuttaha. Ghal hekk il-Qorti qed issib lill-imputat hati ta’ din l-imputazzjoni. Din l-imputazzjoni hija assorbita fit-tieni imputazzjoni li minnha l-qorti lliberat lill-imputat ai termini tal-artiklu 221(4) u għaldaqstant qed tillibera lill-imputat minn din l-imputazzjoni.

**It-tnax l-imputazzjoni – Nuqqas ta ġieħ**

Il-Qorti ma ssibx li din l-imputazzjoni ġiet ippruvata soddisfaċentement u għalhekk qed tillibera lill-imputat minn din l-imputazzjoni.

**It-tlettax l-imputazzjoni – Imbotta lil Rosanne Aquilina**

Din l-imputazzjoni diġa ġiet ippruvata (ara imputazzjoni 11). Għaldaqstant il-Qorti, waqt li qed issib lill-imputat ħati ta’ din l-imputazzjoni, qed tqis din l-imputazzjoni assorbita fil-11 l-imputazzjoni u fit-tieni imputazzjoni ai termini tal-artiklu 17(h) tal-Kap. 9.

**L-erbatax l-imputazzjoni**

Il-Prosekuzzjoni ppruvat ir-riċediva billi ppreżentat is-sentenza li biha kienet imposta multa. Is-sentenza ġġib id-data 4 t’Ottubru 2005.

**Konklużjoni**

Il-Qorti wara li rat l-artikoli 17(h), 41(1)(a), 64(2), 214, 216(1)(b), 217, 221(1)(4) tal-Kap. 9, l-artikoli 15(1)(a), 15A(1) u 15B tal-Kap 65, ir-regolament 67, 5 u 127 tal-Motor Vehicle Regulations, 338(bb), 342, 339(b), 339(d) u (e), 252(1), 339(1)(l) u 49 u 50 u 289 tal-Kap. 9 (bl-aħħar artiklu applikabbli biss għas-serq, u konsegwentement m’għandux x’jaqsam mal-proċeduri odjerni) issib lill-

imputat ħati tal-ewwel, tat-tielet, tar-raba', tal-ħames, tas-sitt, tat-tmien, tad-disa' u tal-għaxar imputazzjoni (iżda din hija assorbita fl-ewwel imputazzjoni), tal-ħdax l-imputazzjoni (iżda din hija assorbita fit-tieni imputazzjoni li minnha l-imputat ġie liberat), tat-tlettax l-imputazzjoni (li hija assorbita fil-ħdax l-imputazzjoni) u tal-erbatax l-imputazzjoni u qed tillibera lill-imputat mit-tieni imputazzjoni, mis-seba' imputazzjoni u mill-ħdax l-imputazzjoni.

Il-Qorti qieset li l-imputat ħallas tal-ħsara li kkaġuna lill-karozza ta' Rosanne Aquilina kif ukoll li din ħafritlu sa fejn setgħet taħfirlu.

B'danakollu, l-imputat huwa recediv u meta qabad u rreżja l-karozza għal fuq l-allegata vittma żbalja bl-ikraħ u seta' kien hemm konsegwenzi koroħ li kieku l-allegata vittma ma ċċaqilqitx min-nofs. Ma kien hemm ebda ġustifikazzjoni għal dan l-aġir li ebda maħfra għall-ġrieħi sofferti ma tista' tneħħi dan l-għemil milli jitqies bħala reat.

Għalhekk il-Qorti, barra milli rat l-artikli hemm fuq imsemmija, rat ukoll l-artiklu 17(f) tal-Kap. 9 kif ukoll l-artikli 13(H)(1)(a) u 55(1) tal-Kap 65 qed tikkundanna lill-imputat għal tliet xhur priġunerija u għall-ħlas komplessiv ta' multi u ammenda ta' €930.77 u qed tiskwalifikah milli jkollu liċenzja tas-sewqan għal żmien tliet xhur.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------